# Il-Qriema u l-Avvenimenti tas-Sette Giugno

**Joseph A Bugeja**

*B.Comm, B.A(Hons) Econ MBA (Maastr)*

L-avvenimenti magħrufa bħala s-*Sette Giugno*, tul is-snin kienu mpinġija bħala xi forma ta' rivolta min-naħa tal-Maltin li wasslu għall-għoti ta' gvern responsabbli. Din il-verżjoni għalkemm fiha ċerta verità żgur ma tagħtix l-istampa kollha ta' dak li seħħ f'dawk il-ġranet.

Nhar il-11 Novembru 1918 kien iffirmat l-armistizzju u l-Gwerra l-Kbira issa kienet intemmet. Il-Maltin saħħew ir-rieda tagħhom sabiex jitolbu għal aktar drittijiet politiċi sabiex jibdew imexxu ħwejjiġhom f'arthom. Fil-gazzetta, il-Malta tat-23 Novembru 1918, Filippo Sciberras għamel appell sabiex tissejjaħ *Assemblea Nazzionale* sabiex titlob għal gvern responsabbli. L-appell kien indirizzat lill-għaqdiet kostitwiti kollha tal-pajjiż. Fost l-għaqdiet Qriema kollha kienu tnejn biss li wieġbu: iċ-Circolo Mandolinistico Indipendenza u l-Filarmonika *San Giorgio Martire*. Din is-sejħa kienet saret fi żmien meta l-Imperu Brittaniku kien qed jiddemobilizza u għalhekk kienu bdew jingħataw is-sensji. Sabiex tiżdied il-miżerja dawn is-sensji kienu kkumplimentati minn żieda fil-prezzijiet speċjalment tal-ħobż.

L-ewwel laqgħa tal-*Assemblea Nazzionale* saret nhar il-25 ta' Frar 1919[1]. Waqt li kienet għaddejja din il-laqgħa kienu saru dimostrazzjonijiet kbar fil-Belt iżda dakinhar ma kienx inqala nkwiet. It-tieni laqgħa kienet imsejħa għas-Sibt 7 ta' Ġunju 1919. Kien magħżul il-jum tas-Sibt sabiex id-delegati u n-nies ikunu jistgħu jikkonkorru aktar. Dakinhar folla kbira kienet daħlet il-Belt u wara ftit din il-follà saret vjolenti. Kienu msejħa l-pulizija iżda dawn ma setgħux jikkontrollaw il-folla u għalhekk kienu msejħa s-suldati li sparaw fuq il-folla u ħallew



Laqgħa tal-Assemblea Nazzjonali 1919

tlieta mejta u ħamsa feruti[2]. L-irvellijiet infirxu wkoll fl-irħula fejn kienu rrapurtati sakkeġġi f'Ħal Qormi, Ħal Luqa u ż-Żejtun[3].

F'Ħal Qormi, ġgajtiet ta' nies bdew jattakkaw id-djar ta' persuni benestanti[4]. Fi Strada Vittorja kienet attakkata d-dar ta' Giorgio Abela u heddew lil ħuh Giuseppe. Dan Giorgio Abela kien l-aħħar president tal-Banda Pinto (Taz-Zokk) liema banda kienet twaqqfet minn Andrea Abela fl-1907. Dar oħra li sfat fil-mira tal-folla kienet id-dar ta' Crocefisso Schembi fi Strada Rocca numru 11. Il-pulizija stazzjonati Ħal Qormi kellhom jitolbu l-għajnuna tal-*Blue jackets* sabiex jikkontrollaw dawn l-irvellijiet. Nhar l-10 u s-17 ta' Ġunju, numru ta' persuni kienu akkużati b'dawn l-inċidenti fejn uħud minnhom kienu nstabu ħatja u ntbagħtu l-ħabs[6].

Nhar it-8 ta'Ġunju, 1919 folla mdaqqsa ta' Qriema jidher li attakkaw l-uffiċini u l-fran tal-Kumpanija *Farrugia & Sons*, liema stabbiliment kien ġewwa l-Ħamrun[6]. Minn dan l-istabbiliment din il-folla kaxkret kulma sabet. Fil-ġranet segwenti ta' dan is-sakkeġġ il-pulizija għamlet numru ta' tfittxijiet fi djar privati minn fejn elevat uħud mill-oġġetti misruqa[7]. Fost l-oġġetti elevati mil-pulizija nsibu xkejjer tad-dqiq, ross u nuħħala, għarbiela, miżien, makkinarju u saħansitra persjani tat-twieqi.

L-azzjoni tal-pulizija jidher li beżżgħat lil ħafna hekk li f'daqqa waħda bdew jitfaċċaw numru t'affarijiet li kienu nsterqu. Fost l-affarijiet li 'nstabu abbandunati' kien hemm karettun kbir, partijiet tal-makkinarju tal-forn, fannijiet kbar tal-ħadid u saħansitra r-reġistri ta' din il-kumpanija[8].

Dawn l-irvellijiet jidher li kienu impressjonaw lill-gvern kolonjali hekk li l-gvernatur il-ġdid, Lord Plumer, kien sejjaħ lil Filippo Sciberras fil-palazz sabiex jiddiskutu kif tista' tintlaqa' x-xewqa tal-Maltin għal gvern responsabbli. Fil-laqgħa tal-Assemblea Nazzjonali tat-8 t'Awwissu, li nżammet f'Villa Gourgon f'Ħal Lija, id-delegati ta' din l-assemblea, fosthom id-delegati tal-għaqdiet Qriema, approvaw abbozz ta' kostituzzjoni ġdida. Nhar l-20 ta' Novembru 1919, il-Gvern Ingliż ħabbar li kien ser jagħti lil Malta kostituzzjoni ġdida, liema kostituzzjoni waslet fit-12 ta' Ġunju 1920 permezz tal-Draft Letters Patent[10].


**Referenzi**

Malta 24.ii.1919 u 27.ii.1919, La Voce del Popolo 25.ii.1919.

It-tielet vittma miet nhar it-8 ta' Ġunju waqt li r-raba' vittma miet f'Lulju kaġun tal-ġrieħi li kien ġarrab.

Malta, 1.ix.1919: seduta tal-kummissjoni ta' inkjesta u wkoll H Frendo: Maltese Political Development 1798-1964 A Documentary History: Document 54 Testimony on *Sette Giugno* events by Count Caruana Gatto u Document 55 Testimony on *Sette Giugno* events by Mr J Hamilton.

NAM Pol 2 Qormi Okkorrenzi Nru 138, 10.vi.1919.

NAM Pol 2 Qormi Okkorrenzi Nru 150, 13.vi.1919.

NAM Pol 2 Qormi Okkorrenzi Nru 139 u 140, 10.vi.1919 u Nru 179,17.vi.1919.

NAM Pol 2 Qormi Okkorrenzi Nru 146, 148, 12.vi.1919 u Nru 153, 13.vi.1919.

NAM Pol 2 Qormi Okkorrenzi Nru149-15 12.vi.1919.

Frendo H; Party Politics in a Fortress Colony: The Maltese Experience Pg 172-3.